MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 900/2007

**Joseph Celeste f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tad-Ditta "Celeste Video Rentals" (I.D. Nru. 707855M)**

**Vs**

**Ruth Tabone**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro cents (€232.94) - (Lm100) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' television sett tal-marka Samsung mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro cents (€232.94) - (Lm100), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------